


NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Jannar - Frar 2004* Nru.136




*Messaġġ minn*
**Monsinjur Ġużeppi Farrugia**
Arċipriet tal-Bażilika
ta' San Ġorġ

## Sena Ġdida

Il-bidu ta' sena kalendarja fl-1 ta' Jannar huwa ġrajja li ngħixuha bħala mument partikolari tas-sena pastorali li għall-Parroċċa tibda ma tmiem is-sajf. Għalina l-Kattoliċi, l-ewwel ta' Jannar m'għandux tifsira aktar speċjali minn dik li tagħtiha s-sena liturġika (li tibda fl-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, ġeneralemnt lejn il-bidu ta' Diċembru). Dan ifisser li l-ħsibijiet u l-ippjanar pastorali aktar isir bi tħejjija għas-sena pastorali hu aktar marbut ma' tmiem is-sajf milli ma' l-ewwel xahar tas-sena ċivili. Għalhekk, il-bidu tas-sena 2004, huwa biss għalina okkażjoni oħra ta' tiġdid li aħna nagħlu ħilitna biex ngħixuh u nidħlu għalih taħt il-ħarsien ta' Marija, l-omm naturali ta' Ġesù u l-omm spiritwali tagħna.

Madankollu dan ma jfissirx li Jannar ma jġibx miegħu ċerti obbligi pastorali u amministrattivi fil-Parroċċa tagħna. Dawn l-obbligi jinkludu dan li ġej.

### Tiġdid tal-Pjan Pastorali Parrokkjali

Malli għaddha l-Milied, il-Kunsill Pastorali u l-Presbyterium tal-Komunità Parrokkjali, kull wieħed fil-qasam tiegħu imma anki f'kollaborazzjoni ma' xulxin, tfajna l-attenzjoni tagħna fuq il-prijoritajiet pastorali li fuqhom b'mod partikolari rridu nitfgħu l-attenzjoni tagħna din is-sena.

Dan qed nagħmluh fid-dawl tal-Pjan Pastorali Djoċesan u fid-dawl tax-xewqat ta' Monsinjur Isqof kif ifissirhom fil-Kunsill tal-Kappillani. Fost il-prijoritajiet li għandna fix-xhur li ġejjin qed naraw it-tiġdid taċ-ċelebrazzjoni tal-Jum tal-Ħadd fil-knisja parrokkjali u l-pastorali marbuta miegħu, kif ukoll l-"outreach" lejn il-familji li tieħu l-forma ta' żjajjar fil-familja. Dawn il-prijoritajiet nistgħu nagħtuhom l-importanzja li ħaqqhom skond kemm jirnexxielna nikkollaboraw flimkien aħna s-saċerdoti u l-lajċi impenjati fil-pastorali tar-Rabat.

### Rendikonti u Tisħiħ tal-Finanzi tal-Parroċċa

F'Jannar jew Frar soltu nagħtu r-rendikont finanzjarju tal-Parroċċa. Dan fil-fatt għamiltu jiena

*ikompli f'paġna 3*

# RANDAN 2004
## *EŻERĊIZZI SPIRITWALI*

### Għall-Koppji Miżżewġa
**Mit-Tnejn 1 ta' Marzu sal-Ġimgħa 5 ta' Marzu**
Fis-7.00pm
*Predikatur: Patri Elija Vella OFM Conv*

### Għaż-Żgħażagħ
**Mit-Tnejn 8 ta' Marzu sal-Ġimgħa 12 ta' Marzu**
Fis-7.15pm
*Predikatur: Dun Frans Abdilla, Arċipriet Qormi S. Ġorġ*

### Għall-Anzjani
**Mit-Tnejn 15 ta' Marzu sal-Ġimgħa 19 ta' Marzu**
Fil-5.15pm
*Predikatur: Mons Carmelo Mercieca, Arċipriet*

### Għal Kulħadd
**Mit-Tnejn 22 ta' Marzu sal-Ġimgħa 26 ta' Marzu**
Fis-7.00pm
*Predikatur: Patri Klement Azzopardi OCD*

### Għat-Tfal
**Mit-Tnejn 29 ta' Marzu sal-Ħamis 1 t'April**
Fl-4.30pm
*Predikatur: Dun Ġużepp Gauci*



# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*



*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

06.12.03: REBEKAH, bint Carmel Azzopardi u Anna neè Bugeja
08.12.03: ANTON, iben Emanuel Cremona u Louise neè Debono
18.12.03: ELENA, bint George Zammit u Lucienne neè Formosa
17.01.04: SARAH, bint Anthony Galea u M'Assunta neè Vassallo
17.01.04: NINA, bint Kristan Dimech u Jennifer neè Attard
24.01.04: MONIQUE-JOSEPHINE, bint Victor Camileri u Miriam neè Attard

## INGHAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

30.01.04: Mario Borg u Michelle Portelli

## MARRU JINGHAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

10.12.03: Felicissima Azzopardi
25.12.03: Evangelista Bartolo
30.12.03: Ġorġ Gatt
04.01.04: Cettina Grech
06.01.04: Ġużeppi Grech
13.01.04: Francis Scicluna
13.01.04: M'Angelo Camilleri
16.01.04: Fortunata Mizzi
28.01.04: George Cauchi







# LOURDES 2004

***Pellegrinaġġ organiżżat mill-Parroċċa***

*Tluq:* Il-Ġimgħa, 23 ta' Lulju 2004
*Lura:* Il-Ħamis, 29 ta' Lulju 2004

**Ħamest Ijiem Sħaħ**

Dawk interessati jistgħu jkellmu lil Mons Salv Borg jew l-Uffiċċju Parrokkjali


# Editorjal

## Il-Kritika

F'kull għaqda jew soċjetà issib dawk li jħobbu joqogħdu gallarija u moħħhom biss biex jikkritikaw. Kieku l-kritika tkun waħda kostruttiva tifhimha; però ħafna minn din il-kritika tkun mmirata lejn dawk li jkunu qed jħabirku biex xi proġett partikolari jirnexxi. Dan nistgħu ngħiduh għal xi wħud li lsienhom jużawh biss biex jikkritikaw b'mod li jfixklu jew joskuraw dawk il-persuni li jkunu qed jagħmlu sagrifiċċju personali, senza interessi, biex iġibu 'l quddiem u jgħinu f'dak li jkun qed jitwettaq.

Kemm inkunu iktar għaqlin jekk minflok nikkritaw ningħaqdu ma' dawk li jkunu qed jagħtu daqqa t'id. Kemm ikun aħjar jekk flok nikkritikaw noffru l-għajnuna li nistgħu. Kemm ikun aħjar jekk flok nikkritikaw, xi kultant anke biex inweġġgħu, naraw verament il-kritika tagħna tkunx ġusta jew le. Jiddispjaċik ħafna u ħafna meta kultant tisma' ċertu diskors mixħut bl-addoċċ fuq dak jew l-ieħor, fuq dik jew fuq l-oħra, meta dawn ikunu qed jagħmlu l-almu tagħhom biex jgħinu u jġibu 'l quddiem dak li jkun isir. Jiddispjaċina li kultant inħallu lsienna jikkmandana u bi kliemna, flok kelma ta' kuraġġ u nkoraġġiment, noskuraw u nfixklu lil min ikun qed joffri s-servizzi tiegħu.

## Randan 2004

Ftit tal-ġranet oħra u nibdew ir-Randan Imqaddes. Il-Parroċċa tagħna, kif tistgħu taraw mill-programm ta' l-Eżerċizzi Mqaddsa, qed toffri korsijiet matul kull ġimgħa ta' dan iż-żmien għal diversi kategoriji f'ħinijiet aċċessibbli għalihom. Barra minn hekk il-parroċċa tagħna ħasbet ukoll biex toffrielna korsijiet ta' eżerċizzi spiritwali mill-aħjar predikaturi f'Għawdex u f'Malta.

Jonqos issa s-sehem attiv tagħna. Jonqos li aħna nħossuna parti vera minn din il-komunita' parrokkjali u nattendu bi ħġarna. Il-parroċċa tagħna qatt ma naqset li toffri l-aqwa servizzi pastorali u spiritwali fil-belt tagħna u għalhekk u dmir tagħna lkoll li napprezzaw dik il-ħidma ntensa li ssir biex dawn is-servizzi jkomplu għaddejjin, imma wkoll jiżdiedu, billi nattendu, skond il-kategorija tagħna, għal xi kors minn dawn l-Eżerċizzi.

Però hemm bżonn li l-attendenza tagħna ma tkunx bi drawwa, għax hekk soltu nagħmlu. Matul dan ir-Randan li ġej irridu nagħmlu ħilitna biex niġġeddu spiritwalment ħalli bil-għajnuna t'Alla jkun jisthoqqilna verament niċċelebraw bil-ferħ l-Għid il-Kbir.

*ikompli mill-ewwel paġna*

## *Messaġġ ta' l-Arċipriet*

personalment fil-"weekend" ta' l-24 u 25 ta' Jannar, waqt il-quddies kollu tas-Sibt fl-għaxija u l-Ħadd (bl-eċċezzjoni ta' l-aħħar waħda minħabba qtugħ fis-servizz ta' l-elettriku u *breakdown* tal-*generator* tagħna). Tajna rendikont tal-festi ċentinarji li saru f'April u Lulju, tal-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali, tal-Kappella tas-Santissimu, tad-dħul u l-infiq kurrenti tal-Parroċċa u tal-ħruġ f'għotjiet ta' solidarjeta' umana u Nisranija.

Mad-daqqa t'għajn, iċ-ċifri li ssemmew mhumiex żgħar. Imma fil-fatt, meta wieħed jeskludi l-ġabriet speċjali marbutin ma' l-opri tal-bini u l-festa titulari, u jekk wieħed jikkonsidra s-servizz kbir u mifrux li l-Parroċċa qed tagħti kważi 15-il siegħa kuljum, matul is-sena kollha, il-Parroċċa tagħna qed issibha iebsa biex tilħaq ma' l-ispejjeż u għandha bżonn ħafna il-ġenerożita' ta' dawk kollha li jħobbuha.

### Kollaborazzjoni bejn l-Entijiet Ekkleżjali

Il-ħidma pastorali fir-Rabat hija diffiċli. Hawnhekk mhux il-post biex nidħol f'wisq dettalji. Il-problema hi li donnu mkien m'hu l-post li nidħol f'wisq dettalji għax lanqas fejn suppost m'hu post għax it-tweġiba tkun: "Aħna qatt ma naħdmu f'kondizzjonijiet ideali", li għaliha jiena nwieġeb, "Allura nibqgħu fejn aħna"!!!!!

Per eżempju, waħda mill-problema li għandha l-Parroċċa tagħna hi li qegħdin b'vigarju parrokkjali wieħed, ħaġa li qatt ma kienet fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. B'vigarju parrokkjali wieħed impenjat, u impenjat ħafna kif inhu dan tagħna fl-amministrazzjoni tal-Parroċċa, u aktar, bis-servizzi kbar li nagħtu fil-knisja parrokkjali f'termini ta' quddies u qrar matul il-ġurnata kollha, u nżidu aktar, bit-taħbit li ma jaqta' qatt fl-Uffiċċju Parrokkjali, Radju Komunitarju, Ċentru Parrokkjali, bini, eċċ ma tantx nistgħu nagħmlu wisq "outreach", jiġifieri ħidma organizzata 'l barra mill-ħitan tal-knisja parrokkjali. Anki b'żewġ vigarji parrokkjali impenjati biss fil-ħidma pastorali, nibqgħu skarsi. U intant is-Seminarju tad-Djoċesi jforni l-qassisin għad-djoċesijiet barranin u għall-iskejjel u għad-deskijiet fl-uffiċċji. Biex tagħqad, fir-Rabat, neħħi xi eċċezzjonijiet bħalma huma l-leġjonarji u xi soċji tal-Mużew u xi membri ta' l-Azzjoni Kattolika, kullħadd jaqdef għal rasu.

Jiena ma nafx kif inhi s-sitwazzjoni pastorali f'parroċċi oħrajn imma nittama li hi aħjar minn din tagħna. Fejn jidħol ir-Rabat, għandna bżonn ta' aktar kollaborazzjoni vera u organika mal-Parroċċa li hija ċ-ċentru u l-għajn ta' ħidma pastorali aktar effettiva u bis-sens.

J'Alla din is-sena l-ġdida tkun ġdida wkoll bħala żmien ta' tiġdid fil-ħidma pastorali tagħna, speċjalment b'kollaborazzjoni aħjar ma' operaturi pastorali li jħossuhom barranin għall-Parroċċa, billi dak li hu tajjeb insaħħuh waqt li dak li hu żbaljat nirrimedjaw għalih. M'hux bil-ħidma u l-impenn biss, imma wkoll, u l-aktar, permezz tat-talb u l-ħajja aktar fidila lejn il-ħsieb ta' l-Isqof u tal-Knisja.

*L-Arċipriet*

# ĠORĠA



*(Il-qanpiena l-kbira tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria, Għawdex)*

Ili snin naħseb fuqek, qanpiena
biex xi versi ninsiġlek mill-qalb,
ta' kuljum x'ħin nisimgħek tgħannili
toħloq fija il-ġabra u t-talb!

L-isbaħ waqt li jasalli f'widnejja
leħnek ħlejju li jdoqq b'armonija
huwa dak li waqtiet kmieni kmieni,
jinseġ damma ta' serħ ġewwa fija.

U min jaf kemm poeti fl-imgħoddi
tħajru jinsġu kelmiet ta' tifħir
lilek biss, iżda qatt ma rnexxilhom!
imma jien dan għamilt bla tnikkir.

Min ibassar kemm nies ma' kull nisġa
tal-ġrajjiet illi tagħhom xtaquk?
Min se jgħid li fis-sikta ta' qalbhom
għadhom b'għożża bil-wisq iħobbuk.

Int sabiħa, qanpiena, fin-niket
meta f'qalbna jitnissel id-dieq
u tittanta tnessina kull biki
x'ħin nintelqu f'dirgħajn il-Ħallieq.

Imma b'leħnek nitgħaxxqu kull sena
meta Lulju jaslilna mkabbrin
lil San Ġorġ int tgħannilu bil-qawwa
waqt li l-palm aħna nxejru kburin.

Ibqa' semma' dak leħnek tal-Ġenna
ma' kull rokna tal-gżira kull ħin,
għaxxaq dejjem kull wild "ta' l-Istilla"
u ma' Ġorġi fil-ferħ magħqudin!

*Kan. Joe Mejlak*



# KAPPELLA BIŻANTINA FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

Din il-Kappella tikkostitwixxi l-qalba tal-proġett kbir li dalwaqt jitlesta u li ser ikun jiġbor fih swali ġodda għaċ-Ċentru Parrokkjali, uffiċċji ta' l-amministrazzjoni ġodda, residenza għas-saċerdoti, ċentru għaż-żgħażagħ, sala għall-konferenzi u għall-kunċerti tal-mużika, kjostru arjuż u artistiku, swali u post fejn nerfgħu l-affarijiet , mużew u affarijiet oħra.

Imma l-qalba tibqa' dejjem il-kappella l-ġdida:

- **Hi** mibnija skond l-istil liturġiku Biżantin li jfakkarna fil-pulmun orjentali tal-Knisja Universali.
- **Hi** ddedikata lis-*Santissimu Kurċifiss*, li hu l-ogħla revelazzjoni tal-*Ħniena Divina* u li l-preżenza sagramentali tagħha fostna tikseb l-ogħla espressjoni tagħha fl-*Ewkaristija Mqaddsa*.
- **Hi** maħsuba biex tospita b'mod dinjituż lit-Tabernaklu Mqaddes u biex tilqa' fiha lill-insara li jkunu jixtiequ jqimu lil Ġesù Sagramentat fis-skiet u l-ġabra.
- **Hi** ntenzjonata li tkun imkien edukattiv fil-kultura tal-Liturġija u fit-tematika aġjografa orjentali li kienu dominanti fil-Parroċċa ta' Għawdex sa mis-Seklu 6 meta nfirex mal-Mediterran kollu l-kult ta' San Ġorġ, qaddis orjentali tal-Knisja Biżantina.
- **Hi** magħżula biex tkun l-aqwa, u l-aktar ħajja, fost it-tifkiriet monumentali li se jibqgħu jfakkru fil-Ġublew il-Kbir ta' l-Inkarnazzjoni u fis-Sbatax-il Ċentinarju ta''San Ġorġ li qed niċċelebraw bejn is-snin 2002 u 2004.



Il-Kappella Biżantina se tagħti dimensjoni oħra lill-Bażilika ta' San Ġorġ-dimensjoni aktar liturġikament kompleta, aktar kulturalment Mediterranja, aktar storikament evokattiva ta' l-imgħoddi, aktar artstikament rikka u aktar pastoralment projettata għall-futur.



Il-kappella l-ġdida se tkun monument ħaj ta' kult divin, iżda dan ikun jiddependi minna. L-istruttura weħidha mhix biżżejjed. Il-preżenza ta' Alla fiha, lanqas. Ikun meħtieġ li nagħmlu użu minnha permezz tat-talb, il-kontemplazzjoni u l-adorazzjoni ta' tifħir lill-Alla. Minn dawn l-għemejjel qaddisa jiggwadanjaw ukoll il-benefatturi tagħha u taċ-Ċentru Parrokkjali.

Għalhekk jekk għadek ma tajtx sehmek biex dan il-proġett isir realta' fl-iqsar żmien possibbli, kun aqli w offri l-għajnuna li tista'. Kull offerta, kemm b'self kif ukoll b'donazzjoni hija apprezzata ħafna.



# Riċetta għal sena ġdida

- ✔ Għandek bżonn taċċetta lilek innifsek kif int.
- ✔ Trid telimina li tibqa' taħseb għal rasek biss.
- ✔ Trid tneħħl u tiskarta l-ħsibijiet ħżiena li jimbtu fik.
- ✔ Trid tqaċċat kull preġudizzju u preokkupazzjonijiet żejda li għandek.
- ✔ Ma' dawn trid iżżid li tibda temmen fil-fond ta' qalbek li l-ħajja hi sabieħa u ta' min jgħixha.
- ✔ Ħallat sewwa u żid l-idea prattika li int tiswa għaliex int xi ħadd importanti.
- ✔ Ma' dawn l-affarijiet trid iżżid ftit umoriżmu u niskata ottimiżmu.
- ✔ Itfa' ukoll ftit ħlewwa ta' imħabba.
- ✔ Fl-aħħar żid ukoll proposta serja fejn f'dak li tagħmel f'kull mument u f'dak li jiġrilek fil-ħajja dejjem tipprova tagħmlu mill-aħjar li tista'.
- ✔ Wara daħħal fil-forn u ħallieh isir fuq nar bati għal 365 ġurnata.
- ✔ Bħala kontorn żid tbissima u ftit kliem helu.
- ✔ Trid isservieh b'ħafna ħlewwa u b'tant kuraġġ.

***Jekk tagħmlu dan kollu taraw x'effett tħallu fuq l-oħrajn.***

*("Il-Mument"-28.12.03)*

# Sena Ċentinarja Ġorġjana
## *Sena ta' Talb*

Il-Parroċċa tagħna ta' San Ġorġ Martri, matul is-Sena Ċentinarja tal-Martirju tal-Patrun tagħha, San Ġorġ, mhux biss ħasbet biex torganizża festi xierqa li jfakkru din l-okkażjoni, imma ħasbet ukoll biex tinqeda bl-aktar arma qawwija fil-ħajja spiritwali tan-nisrani, bit-**talb.**

Fost iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kollha, wieħed seta' jinnota li kull meta l-Liturġija kienet tippermetti, partikolarment fil-jum tal-Ħamis li tradizzjonalment hu dejjem meqjus bħala jum ta' devozzjoni speċjali lejn San Ġorġ, kienet tiġi ċelebrata fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata, il-Quddiesa votiva ta' San Ġorġ Martri u fiha kienet ukoll tingħad it-Talba ta' radd il-ħajr 'l Alla għall-għajnuna u l-ħarsien li tana San Ġorġ, Patrun u Protettur tal-Belt u tad-Djoċesi ta' Għawdex. Ta' spiss konna wkoll nisimgħu t-talb lil San Ġorġ bil-Kurunella miktuba mill-Kan. Dr. L. Mifsud Tommasi.

Anke l-jum tat-23 ta' kull xahar, b'konnessjoni mal-jum li fih San Ġorġ, elf u seba' mitt sena ilu, ħa l-martirju (23 ta' April 303), kien jiġu mħabbar bid-daqq solenni tal-qniepen kollha tal-Bażilika bi stedina ħalli l-membri kollha tal-Komunita' Parrokkjali tagħna jersqu lejn San Ġorġ u jitolbuh il-ħarsien tiegħu. F'dan il-jum dejjem sar talb speċjali għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-Bażilika Ġorġjana.

Ħafna nies innutaw ukoll li fil-quddies kollha tal-jiem kollha tas-Sena Ċentinarja, kienet tiżdied invokazzjoni speċjali b'relazzjoni ma' San Ġorġ Martri, fit-Talba tal-Fidili. Din l-invokazzjoni, li kienet dejjem taqbel mal-Liturġija tal-ġurnata, kienet talba għal xi kategorija jew oħra tal-Komunita' Parrokkjali tagħna, biex issib f'San Ġorġ xi kwalita' spiritwali partikolari li tgħinha tikber fil-ħajja spiritwali. Xi whud minn dawn l-invokazzjonijiet kienu jkunu, fl-istess ħin talba/stedina għall-konverzjoni spiritwali, jew għall-kisba ta' aktar maturita' spiritwali fil-membri kollha tal-Komunità Ġorġjana.

Nittamaw li dan l-ispirtu ta' talb li deher ħaj matul is-Sena Ċentinarja kollha, jiswa ta' ġid għall-membri kollha tal-Komunità Parrokkjali tagħna, u jgħin biex kulħadd, skond is-sejħa partikolari tiegħu, jimxi 'l quddiem fil-ħajja spiritwali. ■

## Dak li Verament Għandi Bżonn

**Tlabt is-saħħa ............**
U Alla tani diffikultajiet biex isaħħaħni

**Talbt l-għerf............**
U Alla tani problemi biex insolvihom

**Tlabt għall-prosperità............**
U Alla tani moħħ biex naħdem

**Tlabt għall-kuraġġ............**
U Alla bgħatli perikli biex naħrabhom

**Tlabt għall-imħabba............**
U Alla tani nies bi problemi biex ngħinhom

**Tlabt għall-favuri............**
U Alla tani bosta opportunitajiet

**Ma rċevejtx dak li tlabt............**
Irċevejt dak kollu li kelli bżonn.

# MERĦBA

*Fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena mill-wasla tas-Salesjani f'Malta.*



Merħba bikom, ulied San Ġwann Bosco,
għax laqgħukom dirgħajn il-Maltin,
waqt li minnkom stennew ħidma kbira
fost iċ-ċkejkna u ż-żgħażagħ fqajrin.

Mitt sena ilu qalb Malta bdiet tħabbat
u ġo fiha dlonk tkebbes in-nar,
waqt li xegħlet għalikom l-imħabba
li ssuktat iżżomm qawwi kull xrar.

Ukoll f'Għawdex ix-xitla ħawwiltu
li maż-żmien saret siġra mis-sbieħ
u Don Bosco bl-imħabba w bil-għaqal
għadu jħabrek kull ħin bla mistrieħ.

Kien Dun Pawl illi bl-għaraq ta' ġbinu
l-Oratorju waqqfilna bil-ħsieb
illi jiġbor ġo fih tfal u żgħażagħ
immexxija bis-sew mill-irħieb.

Kemm tfal ċkejkna minn hemm ħarġu mgħallma
fuq dak kollu li jsaħħaħ ir-ruħ,
waqt li tbiegħdu mill-ħażen tad-dinja,
minn dak kollu li jnissel id-dmugħ.

Kbir Don Bosco, f'dis-sena maħbuba,
illi tiegħek il-miġja bil-ferħ
qed infakkru, kun inti għalina
ta' ħarsien, ta' dawl qawwi, ta'serħ.

Għinna nimxu fit triq li urejtna
u wassalna sal-ġenna bis-sliem,
waqt li ntennu f'kull għodwa din l-għanja
illi tidwi mal-għira bla tmiem!

***Kan. Joe Mejlak***
*16.12.03*



**Nhar it-22 ta' Jannar 2004 kien it-52 Anniversarju mill-mewt tal-Qaddejja ta' Alla**

# Madre Margerita De Brincat

*Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù*

*Biex infakkru din l-okkażjoni qed nippubblikaw din ir-rappreżentazzjoni qasira għall-Anniversarju ta' Twelidha-28 ta' Novembru*

**Kummentatur**: Kien it-28 ta' Novembru 1862, fil-għodu kmieni f'dar fi triq San Girgor, fir-raħal ta' Kerċem, Għawdex, twieldet tifla, is-sitt waħda fil-familja ta' Mikelanġlu u Katerina De Brincat. L-ewwel tifla tagħhom kien jisimha Dolora, it-tieni, Franġisku li miet ftit żmien wara twelidu, it-tielet u r-raba' kienu Karmenu u Franġisku, il-ħames kienet Pawlina. Is-sitt waħda, dik li 'l quddiem kellha tkun Madre Margerita, kellha ħamsa oħra warajha. Dainhar stess ta' twelidha, filgħaxija, sewwasew mija u wieħed u erbgħin sena ilu, Mikelanġ, mgħejjun minn Dolora, it-tifla l-kbira, u bit-tfal l-oħra magħhom, telqu bil-mixi minn Kerċem u ġew fil-knisja ta' San Ġorġ Martri biex jgħammdu lit-tifla li twieldet.

*(Jidħlu Mikelanġ, Dolora bit-tarbija f'disgħajja, Karmenu, Franġisku u Pawlina)*

**Mikelanġ**: Fejn hu l-Arċipriet, Dun Feliċ Refalo? Miskin, imħabbat wisq. Dalgħodu domt infittxu biex ġejt ngħidlu għall-magħmudija.

*(Jidħol Dun Ġużepp Pace)*

**Dun Ġużepp**: Mikelanġ, l-Arċipriet Refalo mħabbat wisq u bagħat lili biex ngħammidlek lit-tarbija. X'se ssemiha?

**Mikelanġ**: Virġinja: jalla l-Verġni Marija tieħu ħsiebha hi!

**Dun Ġużepp**: Ejja nibdew, mela.

*(Kollha flimkien jinżlu n-naħa t'isfel tal-knisja ħdejn il-fonti tal-Magħmudija u, imbagħad imorru f'posthom mill-ġenb tal-knisja)*

**Kummentatur**: Għaddew is-snin u Virġinja wara li spiċċat l-iskola primarja, missierha beda jibgħatha bil-mixi r-Rabat, għand għalliem biex jagħtiha l-privat tat-Taljan u tal-Franċiż. Virġinja kienet tħobbha ħafna l-iskola. Kull meta kienet tasal is-Rabat għall-privat kienet l-ewwel tidħol fil-Knisja ta' San Ġorġ, biex issellem lil Ġesù fl-Ewkaristija.

*(Tidħol it-tfajla Virġinja, tinżel għarkubtejha u b'idejha magħqudin flimkien u b'ħarsitha lejn Ġesù fl-Ewkaristija titlob.)*

**Virġinja**: Ġesù priġunier ta' l-imħabba, kemm nixtieq inħobbok tassew. Hawn ħafna bnedmin li ma jħobbukx. Nixtieq inħobbok minflokhom. Nixtieq inkunlek vittma ta' mħabba.

*(Tqum, tagħmel riverenza lil Ġesù u toħroġ)*

**Kummentatur**: Darba waħda, fl-1877, meta ħarġet mill-Knisja ta' San Ġorġ semgħet li grupp ta' tfajliet immexxijin minn Marija Karmena Xerri, minn Triq San Ġorġ, kienu waqqfu għaqda ġdida msejħa: "It-Tnax-il Kewkba tal-Qalb ta' Ġesù", biex iqimu lill-Qalb ta' Ġesù. Dun Ġużepp Diacono, il-Viċi-Parroku ta' San Ġorġ kien qed jieħu ħsieb din il-għaqda. Virġinja stinkat biex issir membru ta' din l-għaqda.

*(Jidħlu: Dun Ġużepp Diacono, Marija Karmena Xerri u tfajliet oħra, u Virġinja)*

**Dun Ġużepp Diacono**: Uliedi, ħafna nies qed joffendu lill-Qalb ta' Ġesù. Aħna rridu npattu għal dawn in-nies ħżiena u nitolbu għalihom biex jikkonvertu. Int, Marija Karmena u int, Virġinja, aħdmu kemm tifilħu, ħalli dan l-ispirtu ta' riparazzjoni jitqawwa fil-qlub ta' kulħadd.

*(Joħorġu lkoll flimkien)*

**Kummentatur**: Għadda ż-żmien u Dun Ġużepp Diacono bidel l-Għaqda tat-Tnax il-Kewkba f'Kongregazzjoni ta' Sorijiet li kien jisimha "Terzjarji Franġiskani". Maż-żmien anke Virġinja saret soru minnhom u aktar tard ħadet l-isem ta' Suor Margerita tal-Qalb ta' Ġesù. Għall-ewwel il-kunvent tagħhom kien fi Triq Għajn Qatet, Iżda aktar tard ġew joqgħodu fi Triq Palma. Il-ħidma tas-sorijiet mir-Rabat, infirxet ukoll fil-Qala u f'Birkirkara, Malta. Iżda d-diffikultajiet ma naqsux u darba minnhom, fl-1888, Dun Ġużepp Diacono sejjaħ lis-Sorijiet biex ikellimhom.

*(Jidħlu Dun Ġużepp Diacono u grupp ta' Sorijiet)*

**Dun Ġużepp Diacono**: Ma nistgħux inkomplu aktar. Id-diffikultajiet huma kbar. Flus m'għandniex. L-aħjar li tmorru lejn id-dar. Jien se jkolli nżarma kollox.

*(Tidħol tiġri Madre Margerita.)*

**Dun Ġużepp Diacono**: U int, Suor Margerita, min ġiebek hawn?

**Madre Margerita**: Kont nitlob fil-Kappella ta' Birkirkara. Ħassejt x'jigħidli biex nitlaq lejn Għawdex. U ġejt malajr.

**Dun Ġużepp Diacono**: Jaqaw trid tmexxi int?

**Madre Margerita**: Jekk hemm bżonn, nemmen li bil-għajnuna ta' Alla nista' nkompli mmexxi jien.

*(Joħorġu lkoll)*

**Kummentatur**: Madre Margerita ħadet f'idejha l-piż tal-Kongregazzjoni. Maż-żmien ġiet magħżula biex tkun Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni. Kienet tfittex li tgħallem it-triq qaddisa lis-Sorijiet tagħha. Fi żmien bħalma hu dak li ser nibdew nhar il-Ħadd li ġej: Żmien l-Avvent, kienet tiġbor lis-Sorijiet tagħha, tkellimhom fuq l-imħabba ta' Ġesù Tarbija li sar bniedem bħalna biex isalvana.

*(Tidħol Madre Margerita bil-Bambin Ġesù f'idejha, flimkien mas-sorijiet l-oħra.)*

**Madre Margerita**: Maħbubin uliedi, issa li wasal iż-żmien qaddis ta' l-Avvent infittxu li nħejju xi lbiesi sbieħ għat-tarbija Qaddisa; infittxu li nħejju wkoll nar iħeġġeġ biex il-maħbuba Omm Marija jkollha fejn isaħħan lit-Tarbija li se titwieled. Kemm ħabbna l-etern Missier Alla meta tana rigal tant għażiż bħalma hu l-Iben waħdani tiegħu! Kif ma mmutux bl-imħabba għal imħabba tant tal-għaġeb! InħobbuH billi nissagrifikaw is-sodisfazzjonijiet kollha tagħna, l-interessi kollha tagħna, il-kumditajiet kollha tagħna. Fhimtuni? *(Tgħolli 'l fuq li Ġesù Bambin.)*

**Sorijiet kollha flimkien**: Iva Madre, Fhimniek. Hekk se ngħamlu kif għidtilna int! *(Jinżlu għarkubtejhom.)*

*(It-tfal kollha jkantaw flimkien "O Ġesù Ħelwa Tarbija", filwaqt li Madre Margerita u s-Sorijiet jidħlu bil-mod.)*

**TMIEM**

***Nota**: Din ir-rappreżentazzjoni saret minn tfal ta' l-iskola "St. Francis-Victoria" fil-Bażilika ta' San Ġorġ Martri, waqt quddiesa għalihom nhar it-28 ta' Novembru 2003 b'tifkira tal-141 Anniversarju mill-Magħmudija ta' Madre Margerita De Brincat fl-istess Knisja, u bħala bidu taż-Żmien ta' l-Avvent.*

# Rokna għat-Tfal

Kif intom għeżież tfal! Nittama li dawn l-erba' kelmiet li s-soltu nwasslilkom permezz ta' din il-paġna tagħkom isibukom qawwijin u sħaħ. Nittama li mortu tajjeb fl-eżamijiet ta' nofs is-sena u li mbagħad iddevertejtu fil-jiem sbieħ tal-Karnival. Jiena rajt ħafna minnkom jieħdu sehem fil-Karnival ta' l-iskejjel. Tassew PROSIT.

Imma issa għandna magħna żmien ir-Randan, li hu żmien ta' sagrifiċċju u penitenza. Erbgħin jum li għandhom iressquna iktar lejn it-tbatija li Kristu għadda minnha sakemm wasal biex irxoxta rebbieħ fuq il-mewt f'Ħadd il-Għid li din is-sena ser jaħbat fil-11 ta' April.

Bla budju jiena nheġġiġkom biex matul dawn il-ftit ġimgħat toqogħdu attenti biex matul l-Eżerċizzi li jkollkom fl-iskola u fil-Bażilika tagħna tieħdu l-ġid kollu li tistgħu. qabel il-Ġimgħa Mqaddsa jkolna wkoll il-festa għażiża tad-Duluri li sa taħbat fit-2 t'April u li tant tgawdi devozzjoni fil-knisja tagħha ta' San Ġakbu. Jien ċert li ħafna minnkom jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Bażilika tagħna. Oqogħdu attenti għal meta jgħidulkom tmorru tiġbru l-ħwejjeġ. Kemm hi ħaġa sabieħa kieku kellkom issibu ftit minuti kuljum biex tagħmlu l-Via Sagra matul l-erbgħin jum tar-Randan! Naħseb li lkoll kemm intom tagħmlu ż-żjarat lis-seba' knejjes f'Ħamis ix-Xirka ma' tal-familja jew ma' xi ħadd ieħor.

Tinsewx ukoll li matul Marzu għandna l-festa devota ta' San Ġużepp. Din is-sena d-dsatax ta' Marzu sa jaħbat il-Ġimgħa u allura dak in-nhar ma jkollkomx skola. Qisu li ma tinsewx tmorru titolbuh xi grazzja speċjali lil dan il-Missier Putattiv ta' Ġesù. Ftit ġranet wara jkollna wkoll il-festa għażiża tal-Lunzjata, fil-25 ta' Marzu, it-tifkira ta' meta l-anġlu Gabriel ħabbar lil Sidtna Marija li kellha ssir Omm Alla. Sewwa sew disa' xhur wara jerġa' jasal il-Milied.

Taraw kemm jgħaddi malajr iż-żmien għeżież tfal! Iż-żmien jaħrab u ma jistenna lil ħadd u ħażin għalih min ma jużahx tajjeb.

Ħafna minnkom jibdew iħejju ruħhom għall-Ewwel Tqarbina u oħrajn biex jirċievu l-Griżma ta' l-Isqof, żewġ sagramenti mportanti ħafna fil-ħajja tan-nisrani

Għal lum sa nieqfu hawn biex ngħaddu għall-kompetizzjoni.

**Irrid naf biss minn għandkom il-persuni li tiftakru li b'xi mod huma marbuta mal-Passjoni u l-Mewt tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.**

*It-tweġibiet iridu jaslu fl-indirizz tas-soltu: Il-Belt Victoria, Centru Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria mhux iktar tard minn nhar it-Tnejn 22 ta' Marzu 2004. Bix-xorti jittella' r-rebbieħ li jingħata ktieb sabiħ bil-Malta mill-Klabb Kotba Maltin, fergħa t'Għawdex (Tel: 2155 1325 jew 7955 1325).*

Saħħa Tfal.

Iz-Ziju Peppi

# Il-President ta' Malta fi Żjara Uffiċċjali f'San Ġorġ

Il-Bażilika ta' San Ġorġ laqgħet għal darb'oħra lill-E.T. il-Prof. Guido de Marco, il-President ta' Malta, waqt li kien qed jagħmel żjara uffiċċjali fil-Belt Victoria.

Bħala l-mistieden tas-Sindku Vivienne Galea Pace u tal-membri l-oħra tal-Kunsill Lokali, il-President de Marco żar diversi mkejjen tal-Belt Victoria, fosthom l-Uffiċċji tal-Kunsill u l-Knisja Katidrali. Il-Bażilika ta' San Ġorġ kienet il-post fejn il-President iltaqa' ma' rappreżentanza mdaqqsa ta' l-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex, kif ukoll ma' l-Arċipriet, il-Kapitlu il-Kleru u rappreżentanza tal-lajċi kollaboraturi attivi tal-Parroċċa.

Il-President de Marco intlaqa' fil-bieb tal-bażilika, illuminata u mimlija bl-armonija ta' l-orgni monumentali tagħha, mill-Arċipriet, Mons. Ġużeppi Farrugia u mill-Arċipriet Emeritu Mons. Salv Borg.



Dawn akkumpanjawh fil-kappella tas-Santissimu għal talba qasira u mbagħad waslu miegħu fuq naħa tal-presibiterju fejn il-President sema' b'attenzjoni indirizz sabieħ moqri mill-istudent Mark Lawrence Zammit mill-ewwel klassi tas-Seminarju Minuri. Wara, tlett itfal minn skejjel differenti, offrewlu bukketti fjuri.

L-Arċipriet Farrugia, imbagħad, għammillu diskors ta' merħba u l-President wieġeb b'kelmiet li xehdu għall-emozzjoni li ħass għall-merħba kbira li ngħata fil-bażilika Ġorġjana. Wara li ltaqa' ma' għadd ta' studenti u għalliema, fosthom is-Surmast tas-Seminarju Dun Manwel Magro, il-President żar il-kappella ġdida li qed tinbena f'għamla Biżantina, u parti miċ-Ċentru Parrokkjali l-ġdid. Iż-żjara spiċċat fl-Aula Mons. Giuseppe Farrugia minn fejn l-Arċipriet u s-Sindku akkumpanjaw il-President sal-karozza tiegħu fi Pjazza San Ġorġ.



Din kienet okkażjoni sabieħa li fiha l-komunita' Nisranija tal-Bażilika ta' San Ġorġ setgħet tifraħ bl-ogħla rappreżentant ta' l-istat bħalma dejjem għamlet kull meta l-presidenti ta' Malta, fosthom Anton Buttigieg, Agatha Barbara u Ċensu Tabone żaru dan l-imkien b'qima personali jew għal raġuni uffiċċjali.

# Bidu ta' restawr tat-Teatru Astra

Ix-xogħlijiet ta' restawr fit-Teatru Astra għaddejjin b'ritmu tajjeb sabiex ikun jista' jerġa' jopera fl-istaġun li jmiss, fil-hin għat-tielet edizzjoni ta' *Festival Mediterranea* li jiftaħ is-siparju tiegħu nhar it-28 ta' Ottubru.

It-Teatru Astra waqaf jopera wara li nirien ħakmu partijiet sostanzjali minnu nhar is-Sibt 8 ta' Novembru 2003. Kienu diversi il-persunaġġi mix-xena politika lokali, inklużi l-President tar-Repubblika l-Prof Guido de Marco, l-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Anton Tabone, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, il-Ministru għaż-Żgħażagħ u l-Kultura, Jesmond Mugliett, membri parlamentari Għawdxin, Frederick Azzopardi u Dr Justyne Caruana, kif ukoll is-Sindku tal-Belt Victoria, Vivienne Galea Pace li wrew solidarjetà mal-*management* tat-Teatru Astra permezz ta' żjajjar wara l-inċident.

Ix-xogħlijiet ta' restawr li nbdew s'issa jinkludu, fost l-oħrajn, l-egħluq tas-saqaf tas-sala permezz ta' *aluminium sheeting* li kellu jiġi ordnat u manifatturat għall-post. In-nirien ikkawżaw ħsara kbira fis-saqaf oriġinali tant li ħallew toqba kbira u allura l-istess sala esposta għall-elementi. L-egħluq tas-sala għalhekk kienet waħda mill-ikbar preokkupazzjonijiet tal-*management* tat-Teatru. Kienu mhux ftit il-voluntiera li xammru l-kmiem u assistew lill-kuntratturi privati sabiex setgħet tinbena struttura tal-ħadid li tippermetti li jsir il-bqija tax-xogħol.

L-istess struttura kienet strumentali sabiex setgħet issir it-tieni fażi ta' tindif tant meħtieġa, inkluż it-tneħħija ta' partijiet tas-suffitt li kienu ddendlu b'mod perikoluż għal min ikun fis-*seating area*. Madwar terz tas-suffitt oriġinali ġie meqrud għal kollox.

Matul dawn l-aħħar tlett xhur saru wkoll it-testijiet neċessarji fuq il-bqija tal-*cables* ta' l-elettriku u l-apparat tekniku fis-sala. Ġie kkonfermat li s-sistema kollha ta' l-elettriku tat-teatru trid tinbidel għal kollox, inkluż il-*cables*, dawl tas-sala, tal-palketti u l-kuriduri tagħhom, kif ukoll id-dawl ta' fuq u quddiem il-palk. L-istallazzjoni ta' din is-sistema, li hi mistennija li tqum ftit eluf ta' liri mhux ħażin, hija waħda mill-ikbar spejjeż li jrid jagħmel il-*management* tat-Teatru Astra sabiex jerġa' jġib din il-mekka kulturali għall-istat oriġinali tagħha.

Bħalissa għaddejja wkoll ħidma preparattiva sabiex l-i*screen* tas-*cinema* u apparat ieħor, li wkoll inqerdu min-nirien, jiġu ordnati u finalment imwaħħla fil-post.

Matul dawn l-aħħar ġimgħat saru wkoll laqgħat tal-*management* flimkien ma' Frank Portelli, id-diżinjatur tat-teatru fis-snin Sittin, illi wkoll żar is-sit u qiegħed jassisti lill-*management* b'pariri siewja b'konnessjoni mal-pjan ta' restawr.

Preżentament, l-ikbar diffikultà li qed jiffaċċja l-*management* tat-Teatru Astra hija l-fondi neċessarji sabiex it-teatru jerġa' lura għal li kien. Il-*management* jieħu l-okkażżjoni sabiex jerġa' jfakkar lill-pubbliku bil-"Fond għar-Restawr tat-Teatru Astra" li twaqqaf sabiex jilqa' d-donazzjonijiet ta' persuni li għandhom għal qalbhom il-ftuħ mill-ġdid tat-teatru. Il-*management* jestendi l-appell tiegħu lil dawk kollha li jixtiequ jikkontribwixxu, anke permezz ta' ammonti żgħar, biex jikkuntattjaw lil xi membru tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika La Stella jew jiddepożitaw l-kontribuzzjoni tagħhom f'wieħed minn dawn il-kontijiet bankarji: BOV 40012978957, APS 200012848-9, LOMBARD 0144064006701, HSBC 071088801051.



It-Teatru Astra jixtieq mill-ġdid juri l-apprezzament tiegħu lill-aġenzija ta' l-assikurazzjoni li magħha huwa nxurjat għall-koperazzjoni kbira min-naħa tagħha kif ukoll lil dawk il-ħbieb tat-Teatru Astra li diġa' taw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom, fosthom kantanti barranin ta' l-opra li kienu parti minn produzzjonijiet operistiċi ta' l-istess teatru. Finalment, il-*management* tat-teatru jesprimi t-tama tiegħu li jerġa' jiftaħ il-bibien tiegħu mill-iktar fis possibbli ... u dan, possibbli biss jekk il-pubbliku jagħti d-daqqa t'id bil-mod li jista'.

***Grazzi bil-quddiem!***



A&M Printing Ltd. - 21553217